MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 943/2009

**Go p.l.c.**

**vs**

**Anthony Deguara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed u erbghin Euro u sebgha u disghin centezmu (€2,341.97), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici numri 21523911, 21570383, 21585729, 21524287.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, izda baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta ai termini ta'l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u

bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar, pagament u cioe’ mit-22 ta’ Lulju, 2009.
Ra li l-konvenut ipprezenta nota ta’ ammissjoni, fil-konfront tal-kawzi kollha.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Gialadarba, il-konvenut ammetta t-talbiet tas-socjeta’ attrici, anke fil-konfront tal-ispejjes, it-Tribunal ser ikollu jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------